MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1258/2005

**Jason Camilleri – 351876(M)**

**Vs**

**Cathleen Camilleri**

### It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u tlettax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm413.20c) rapprezentanti danni minnu subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAB 228 li giet involuta f'kollizjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBF 635 misjuqa mill-konvenuta fit-2 ta' Jannar, 2005 ghall-habta ta' 00.01a.m f'Hal Luqa.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet li dak li talab l-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienetx tahti l-eccipjenti.

Sema’ x-xhieda ta’ Jason Camilleri, Georgette Camilleri, Local Warden 31 Stephen Cassar u ta’ Cathleen Camilleri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Ramona Frendo ghall-attur u ta’ Dr Adrian Vella ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg sewwieqa kienu qed isuqu vicin il-mitjar ta’ Hal Luqa. Kienu ghadhom kif hargu mill-mina taht ir-*runway* u waslu fejn ir-*roundabout* vicin il-Head Office ta’ l-Air Malta. L-attur kien fil-*lane* tax-xellug pero’ ried jibqa’ sejjer ghad-dritt lejn Hal Ghaxaq mentri l-konvenuta kienet fuq il-*lane* ta’ barra, cjoe’ tal-lemin, u riedet tmur lejn Hal Luqa.

L-attur isostni li hu u s-sewwieqa l-ohra kienu waslu fejn il-*give way sign* qabel ir-*roundabout* izda meta hargu minn fuq il-*give way*, il-konvenuta kisret ghal fuqu u b’hekk sehhet il-kollizjoni. Wara l-kollizjoni nnota li l-konvenuta kellha l-*indicator* mixghul li jindika li kien bihsiebha ddur lejn ix-xellug.
Il-konvenuta qalet li meta waslet fejn il-*give way sign*, hija waqfet u xeghlet l-*indicator* biex turi li kien bihsiebha ddur lejn ix-xellug. Ma kien hemm l-ebda karozza magenbha izda meta harget minn fuq il-*give way*, f’daqqa wahda tfacca l-attur min-naha tax-xellug taghha u b’hekk giet imblokkata l-karreggjata taghha u sehhet il-kollizjoni.

It-Tribunal jinnota li hemm kunflitt bejn il-partijiet, jekk fil-fatt, meta hargu mill-*give way sign* kienux magenb xulxin jew jekk l-ewwel kienx hemm il-konvenuta.

L-attur jghid li nduna bil-vettura tal-konvenuta izda l-konvenuta ma ndunatx bil-vettura ta' l-attur u l-probabbilta' hija li ghalkemm l-attur kien vicin il-vettura tal-konvenuta, kien harira zghira warajha – cjoe' fil-*blind spot* taghha.

Gara illi meta huma t-tnejn hargu minn fuq il-*give way sign*, stante illi l-konvenuta riedet tmur lejn ix-xellug u l-attur ried jibqa' jdur ftit mar-*roundabout* halli jmur lejn Hal Ghaxaq, qasmu l-karreggjata ta' xulxin u b'rizultat ta' dan, billi kulhadd zamm il-via tieghu, sehhet il-kollizjoni.

Huwa evidenti ghat-Tribunal li z-zewg sewwieqa ma kienux fil-karreggjata idonea tenut kont tat-triq li riedu jaqbdu wara li johorgu mill-*give way sign*.  Ma nghatat l-ebda skuzanti xierqa ghaliex huma proprju ghazlu l-*lane* rispettiva li ghazlu.

Illi inoltre huwa wkoll evidenti li meta huma hargu mill-*give way sign* it-tnejn li huma ma kienux qieghdin izommu *a proper lookout* stante illi huma ntnebhu bl-incident biss meta dana sehh.

Certament kieku t-tnejn li huma kienu attenti ghal xulxin kienu jindunaw bil-manuvra minnhom rispettivament intentata u b'hekk il-kollizjoni aktarx kienet tigi evitata.

Minn ezami tal-Highway Code jidher li fejn hemm iktar minn karreggjata wahda li tizbokka ghal fuq *roundabout*, il-principju generali huwa li s-sewwieqa ghandhom jaghzlu l-karreggjata li tkun xierqa skond liema direzzjoni li jkunu bihsiebhom jaqbdu wara li jidhlu mar-*roundabout*.

Jekk sewwieq ikun bihsiebu jibqa' jdur mar-*roundabout*, mhux konsiljat li jiehu l-karreggjata tax-xellug.  Min ikun bihsiebu jiehu l-ewwel *exit* mir-*roundabout*, cjoe' *first turning to the left*, ghandu jzomm mal-karreggjata tax-xellug.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-Highway Code jghid li jekk sewwieq ikun bihsiebu jibqa' sejjer ghad-dritt ghandu jiehu l-karreggjata tax-xellug, pero' fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur messu

nduna bl-*indicator* mixghul tal-konvenuta u zamm il-karreggjata tal-lemin. It-Tribunal huwa konvint li l-konvenuta kienet gja' ndikat l-intenzjonijiet taghha biex tikser lejn ix-xellug permezz ta' l-*indicator*. Kieku l-attur qaghad iktar attent kien jintebah li l-konvenuta kien bihsiebha tikser lejn ix-xellug.

Da parti taghha l-konvenuta messha zammet fil-karreggjata tax-xellug u inoltre, stante li messha kienet taf li kienet fil-karreggjata l-hazina kellha toqghod aktar attenta ghat-traffiku gej mix-xellug taghha.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kif inhuma jhoss illi z-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-incident ghalkemm, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-akbar grad ta' responsabbilta' ghandha tigi allokata lill-konvenuta u hekk ir-responsabbilta' ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, l-attur ghadu ma sewwiex il-vettura u qieghed jistrieh fuq id-dokumenti JC1 u JC2 u cjoe' s-*survey report* u l-istima. Skond is-*survey report*, il-*parts effected* huma z-zewg bibien tal-genb li jridu jsiru godda mbaghad hemm xi parts ohra li jrid isir il-panel beating taghhom. Fuq is-*survey report* hemm stima ta' kemm jiswew dawn il-bibien ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm25.35c) il-wiehed izda minn dokument JC2 tal-Meridian Auto Company Limited, dawn huma ndikati li jiswew sebgha u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm87.76c) u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm77.64c) rispettivament.

It-Tribunal jidhirlu illi l-istima tad-danni m'hijiex cara bizzejjed u jidhirlu illi d-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu llikwidati kif ser jinghad:

Bdil ta' zewg bibien Lm 165.40c
Panel beating tal-parts ohra daneggjati Lm
90.00c
Spray painting tal-vettura Lm 120.00c

**Total Lm 375.40c**

Ma' dan wiehed irid izid *5 days loss of use* li b'rata approssimattiva ta' tmien liri Maltin (Lm8) kuljum igibu erbghin lira Maltin (Lm40) biex b'hekk id-danni totali huma llikwidati ghal erba' mija u hmistax-il lira Maltin u erbghin centezmu (Lm415.40c).

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob somma anqas jigifieri erba' mija u tlettax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm413.20c) u ghalhekk hija din is-somma inferjuri li ghandha tigi accettata ghal fini ta' likwidazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li z-zewg partijiet huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni fi grad ta' terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm275.47c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u kwantu ghall-ispejjez dawn ikunu kwantu ghal terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------